6 ta' April, 1946.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L. A. Camilleri, LL.D.

Joseph Xuereb *versus* Carmelo Axiak

**Cessjoni — Liċenza — Lukanda — Forma — Art. 1552 tal-Kodiċi Ċivili (Ediz. Riv.).**

*Liċenza għall-eżerċizzju ta' lukanda u liċenzi oħra simili huma "extra commercium", u għalhekk ma jistgħux jiffurmaw oġġett ta' trasferiment. Imma tista' tiffurma oġġett ta' trasferiment ir-rinunzja tat-titolar ta' dik il-liċenza di fronti għal persuna determinata bi kwalunkwe mod, u dan speċjalment meta l-istabbiliment kummerċjali li għalih tirriferixxi dik il-liċenza jkun ġie trasferit lil dik il-persuna. U wieħed mill-modi li bihom wieħed jista' jagħmel din ir-rinunzja huwa preċiżament dak li ma jopponix ruħu li dik il-liċenza tiġi mill-Pulizija trasferita lil dik il-persuna. Biex isir dan mhux meħtieġ li l-ftehim jirriżulta minn skrittura.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re, li biha l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti kollha meħtieġa, peress illi l-konvenut obliga ruħu li jċedi u jittrasferixxi l-permessi u l-liċenzi kollha inerenti għal-lukanda numru 12, Birżebbuġa Road, Birżebbuġa, ġestita taħt l-isem "Eden Hotel", ċjoè l-permess ta' lukanda, il-liċenza għall-bejgħ tax-xorb u ta' l-inbid, u liċenzi jew permessi oħra relativi għall-istess lu-

kanda; u peress illi l-partijiet ftehmu fuq il-prezz taċ-ċessjoni billi iffissawh għas-somma ta' £400, liema somma ġiet imħallsa mill-attur lill-konvenut; u peress illi l-konvenut ċeda u ttrasferixxa biss ma' l-Awtorità tal-Pulizija a favur ta' l-attur il-liċenza *għall-bejgħ* tax-xorb u ta' l-inbid, u naqas li jċedi u *jittrasferixxi* l-permess tal-lukanda ta' l-"Eden Hotel"; *talab illi* l-konvenut jiġi kundannat minn dina *l-Qorti jittrasferixxi* u jċedi, billi jagħmel l-passi meħtieġa ma' *l-awtorità* kompetenti għat-trasferiment, il-permess tal-lukanda ta' l-Eden Hotel, 12 Birżebbuġa Road, Birżebbuġa, a favur ta' l-attur, u dana fi żmien qasir u perentorju li jiġi fissat mill-istess Qorti; bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-protest tal-24 ta' Mejju 1945 kontra l-konvenut, u b'riżerva għal kwalsijasi dannu li l-attur jista' jsofri minħabba l-aġir illegali tal-konvenut;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re fit-13 ta' Diċembru 1945, li biha ġiet milqugħa *t-talba* u ġie prefiss lill-konvenut żmien *ta' għaxart ijiem* għall-finijiet *indikati* fl-istess talba, *bl-ispejjeż kontra* l-konvenut; wara li dik il-Qorti ikkunsidrat;

Illi rriżulta li l-attur ried jiftaħ lukanda, u għalhekk kellu bżonn tal-permessi neċessarji għal dana l-iskop. Il-konvenut kellu dawn il-permessi, u fosthom kien hemm dak għall-bejgħ tax-xorb. Saru trattativi li spiċċaw bil-bejgħ tal-permessi bis-somma ta' £400. L-attur jippretendi illi fost il-permessi kien hemm *is-supplika* għall-bejgħ tax-xorb u l-liċenza għall-eżerċizzju *tal*-lukanda. Il-konvenut jippretendi illi l-ftehim kien ristrett għall-bejgħ tas-supplika tax-xorb;

Illi wara li eżaminat il-provi kollha u għamlet *il-konfront* tagħhom, hija soddisfatta illi l-ftehim kien mhux biss relativ għas-supplika tax-xorb, imma anki għall-liċenza tal-lukanda. Infatti l-istess konvenut xehed illi huwa ried.......... Fi kliem ftit, il-provi kollha jindikaw illi l-ftehim kien jirrigwarda anki l-liċenza tal-lukanda;

*Omissis;*

*Rat in-nota* ta' l-appell tal-konvenut, u rat il-petizzjoni *tiegħu fejn* talab illi s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata,

u konsegwentement il-talbiet ta' l-attur jiġu miċħuda, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi mill-kumpless tal-provi.......... Għalhekk il-konklużjoni li għaliha waslet is-sentenza li minnha hemm appell hija ġusta u jisthoqqilha tiġi konfermata;

Ikkunsidrat;

Illi fit-trattazzjoni quddiem din il-Qorti l-appellant ġieb 'il quddiem eċċezzjoni ġdida, jiġifieri li ċ-ċessjoni ta' dik il-liċenza hija nulla skond l-art. 1552 tal-Kodiċi Ċivili, billi ma ġietx magħmula bil-miktub. Fuq dan il-punt għandu jiġi rilevat li, kif qalet il-Qorti tal-Kummerċ fis-sentenza tal-11 ta' Diċembru 1900 in re "Dimech vs. Camilleri et." (Kollez. Vol. XVII-III-103), dawk il-liċenzi ma jistgħux jiġu trasferiti u huma għalhekk, "extra commercium". U kompliet tgħid dik is-sentenza:— "Ma ben può formare oggetto lecito di contratto la rinunzia del titolare della licenza alla facoltà di valersene in qualsiasi modo di fronte ad un'altra persona, molto più quando lo stabilimento mercantile cui la licenza riguarda, o l'esercizio di esso, è a questa persona trasmesso; e uno dei modi di non valersene è certamente quello di non opporsi che la licenza sia dalla Polizia conceduta allo stipulante". Biex isir dan mhux meħtieġ li l-ftehim relativ ikun jirriżulta minn skrittura; u għalhekk l-eċċezzjoni fuq imsemmija, opposta mill-appellant ma tistax tiġi milqugħa, u għandha tiġi respinta, kif fil-fatt qegħda tiġi respinta, bl-ispejjeż kontra tiegħu. Dana apparti l-kwistjoni illi l-partijiet taw eżekuzzjoni għall-ftehim u l-prezz ġie effettivament imħallas;

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re fit-13 ta' Diċembru 1945, bl-ispejjeż kontra l-appellant; b'dan però li t-terminu ta' għaxart ijiem bl-istess sentenza prefiss għandu jibda jgħaddi mil-lum.